TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 172/14/GB

**Carmel Schembri**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 5 ta' Novembru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-28 ta' Lulju, 2014, fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' tliet mija hamsa u ghoxrin Ewro (€325.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal sett ta' tagnijiet li nxtara minghand l-intimat, minn liema sett, wiehed mit-tagnijiet kien difettuż.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tal-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Il-mara tieghu kienet xtrat (wara li l-agent tal-intimat kienet hajritha biex tixtri) sett tagnijiet, u wara li ġabet is-sett u ghamlet kif qaltilha l-agent, wiehed mit-tagnijiet inqabad l-ikel mieghu, pero' l-ohrajn ghadhom sal-gurnata ta' llum ma ġralhom xejn. Illi ghalhekk, ir-rikorrent ilmenta ma' l-agent, li wara hafna żmien kienet qaltilhom li dan is-sett ma kienx ghadhom igibuh. Ir-rikorrent talab li jew l-intimat ibiddel it-tagen difettuż, jew li jiehu lura s-sett komplut u jhallsuh lura l-flus li kien nefaq, u dana peress illi t-tagen ghadu taht garanzija.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrent kien xtara l-'eco ceramic cookware set' minghand rappreżentanta tal-intimat, fejn meta sar id-delivery tal-prodott, ir-rapprezentanta kienet marret u spjegatilhom kif kellhom jużaw il-prodott.

Wara xi granet, ir-rikorrent kien ċempel lill-agent tal-intimat fejn qallu li t-tagen kien qabad l-ikel mieghu. Dan kien riżultat ta' nar qawwi u eċċessiv. Fil-fatt, il-qiegh ta' l-istainless steel sar kollu isfar. Din hija indikazzjoni illi l-ikel kien inharaq u dan kien riżultat ta' nar qawwi ghal hin itwal milli suppost ovvjament.

Ir-rikorrent u martu kienu marru l-ufficcju, fejn l-intimat kienet spjegalhom li kien gara dan kollu minhabba nar qawwi ghal iktar hin milli suppost. Dan gie kkonfermat minnufih mir-rikorrent. Ghaldaqstant, il-garanzija ma tapplikax f'dan il-kaz.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa wiehed mit-tagnijiet li baqa' tale quale *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat fix-xhieda guramentata tieghu, rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

L-intimat ezebixxait-tagen in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

Xehdet Charmaine Grima, prodotta mill-intimat, fejn fix-xhieda ġuramentata taghha hija stqarret illi kienet marret fid-dar tar-rikorrent biex taghmlilhom demonstration, fejn huma kienu thajjru ghal dan is-sett ta' tagnijiet in kwistjoni. Mill-ewwel, il-mara tar-rikorrent kienet użathom u cempletilha sabiex tghidilha li kien wehel kollox. Ix-xhud ikkonfermat illi hija kienet marret tara t-tagen u haditu lura s-showroom sabiex forsi jinbidel, pero' dan ma setax isir stante illi kien mahruq. Marret lura lir-rikorrent bit-tagen, pero' ma riedx jaċċettah lura. Dan kien wara li l-intimat kien naddfu kemm seta'. Ix-xhud żiedet tistqarr illi hija qatt ma rat kaz bhal dan u li mill-workshop kienu qalulha li kellu hafna nar.

In kontro-ezami, l-istess xhud stqarret illi t-tagen kien sar isfar wara l-incident. Hija kienet offriet li tixtri sett ghaliha u ttihom wiehed ġdid, pero' dan il-gest kien sempliċiment ghaliex xtaqet tghinhom.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi ma ngabet l-ebda prova tangibbli li t-tagen in kwistjoni kien fil-fatt difettuż. Li jirrizulta mill-provi u anke mill-istat ta' l-imsemmi tagen huwa li t-tagen inharaq u mhux li kien difettuż. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, fuq nuqqas ta' provi, u jordna lir-rikorrent jiehu lura fil-pussess tieghu t-tagen in kwistjoni, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**